MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2014

Numru 969/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Darren Buhagiar)**

**Vs**

**Ammar Houssein**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront ta’ Ammar Houssein ta’ tmienja u tletin (38) sena ta’ nazzjonalità Suadaniza, bin Moussa u Nadia, imwieled is-Sudan fl-24 ta’ Lulju 1976 u residenti fi Triq San Guzepp, Imsida, detentur tan-Numru tal-Pulizija 11G-045, talli f’xi jum minn Frar tas-sena 2014 f’dawn il-Gzejjer bhala persuna illi mbarka jew zbarka minn jew go Malta naqas illi jkollu passaport u naqas illi jaghti lill-Ufficjal Principali ta’ l-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-ohra kif l-Ufficjal Principali ta’ l-Immigrazzjoni jidhirlu xierqa li jehtieg ai termini ta’ l-Artikolu 28 tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat id-dokumenti esebiti fl-atti ta’ dawn il-proceduri;

Rat illi a tenur ta’ l-Artikolu 534AB tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti wissiet lill-imputat li fost affarijiet ohra ghandu d-dritt li jibqa’ sieket;

Rat li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta’ l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’

Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jigi akkuzat talli f'xi jum minn Frar tas-sena 2014 f'dawn il-Gzejjer bhala persuna illi mbarka jew zbarka minn jew go Malta naqas illi jkollu passaport u naqas illi jaghti lill-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-ohra kif l-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni jidhirlu xierqa li jehtieg ai termini ta' l-Artikolu 28 tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-imputat ammetta ghall-akkuza dedotta fil-konfront tieghu u fid-dawl ta' tali ammissjoni l-Qorti ssibu hati ta' tali akkuza.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat u l-fatt li l-imputat ikkoopera mal-Pulizija.

Ghaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 28 u l-Artikolu 32(1)(g) tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li ttenni li qed issib lill-imputat hati ta' l-akkuza dedotta kontra tieghu tikkundannah ghal sitt (6) xhur prigunerija, izda peress illi fil-fehma tal-Qorti fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz jissussitu ragunijiet validi in bazi ghal liema tali terminu ta' prigunerija jigi sospiz ai termini tal-Ligi, a tenur ta' l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta tissosspendi dan it-terminu ta' sitt (6) xhur prigunerija ghal sena (1) b'effett millum.

A tenur ta' l-Artikolu 28(A)(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti spiegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilità tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti, matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza u l-perijodu operattiv impost a tenur ta' l-Artikolu 28B(2) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Ai termini ta' l-Artikolu 534AD tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta l-imputat ghandu jinghata kopja ta' din is-sentenza tradotta fil-lingwa Gharbija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------